Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 545/2015

Il-Pulizja

Vs

Silvana Calleja

Illum 30 ta' Gunju, 2016,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta Silvana Calleja detentura tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 62260 M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fit-28 ta' Lulju, 2015 u fix-xhur ta' qabel waqt li kienet fil-fond 9, Lucille, Triq il-Vlontin, B' Kara:

Meta b' diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti, jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u jkunu gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, bla hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex tezercita jedd li ppretendiet li ghandha, gieghlet bl-awtorita' taghha nnifisha, lil xi had ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun lit kun, jew fixklet lil xi had fil-pussess ta' hwejgu, jew b' xi mod iehor, kontra l-ligi, indahlet fi hwejjeg haddiehor, billi fixklet lil girien taghha Maria Assunta u Saviour Catania mill-pussess ta' hwejjighom.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-4 ta' Dicembru, 2015, fejn il-Qorti sabet lill-imputata hatja tal-

akkuza kif dedotta kontriha, ikkundannata multa ta' tletin ewro (€30) filwaqt li tordna li b' mod immedjat l-imputata tnehhi l-katnazz li hemm mal-istruttura ta' fuq il-bejt.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Silvana Calleja pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-15 ta' Dicembru, 2015, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti jekk jogghoba thassarha u tirrevokaha billi ma ssibiex hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontriha u konsegwentament tillibera minn kull piena u imputazzjoni u fin-nuqqas li taghmel dan, timmodifikha u tvarja fis-sens li filwaqt li tikkonfermaha inkwantu sabitha hatja, ma tordnax it-tnehhija tal-istruttura konsistenti f' xatba, li giet installata mill-esponenti fil-parti minnha okkupata tal-bejt inkwistjoni, b' riserva cara li jitressqu dawk il-provi kollha opportuni fi stadju ta' appell.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanta esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Silvana Calleja huma s-segwenti w cioe':-

illi huwa minnu li l-imsemmi bejt huwa indiviz, izda huwa minnu li kull parti fattwalment u fizikament tokkupa u tipposjedi parti definite ta' dan il-bejt u li fiha tezercita drittijiet appartenenti biss ghal dik il-parti li hekk ttokkupa u tipposjedi. Tant hu hekk, li l-kwerellanti mhux biss jokkupaw u ghandhom il-pussess ta' tlett kwarti ta' dan il-bejt, izda jezercitawazzjonijiet 'uti domini' fost ohrajn ghandhom il-hbula tal-inxir u shansitra karma mdaqqsa li ghandhom access ghaliha, huma biss.

Illi dan listat ta' fatt ilu snin jezisti u li kull parti kellha effetivament il-pussess tal-parti okkupata. Illi ghalhekk, anke jekk l-esponenti wahhlet xatba b' katnazz fil-parti minnha okkupata, ma jistax jinghad fic-cirkostanzi tal-kaz li qatt jistghu jkunu riskontrati l-elementi li jikkomponu r-reat previst that artikolu 85 tal-Kodici Kriminali. Paribus, anke l-istess kwerellanti jezercitaw din l-attivita', tant li l-parti minnhom okkupata, anke

jekk ghada indiviza, giet affetivament obbliterata bil-bini ta' strutturi bhal komuni. Fid-dawl tal-modus viventi ezistenti bejn il-partijiet ghal ammont ta' snin ir-reat li bih giet addebitata l-esponenti qatt ma jista' jikkonfigura kif ser jigi spjegat fil-kors ta' dan l-appell.

Illi dato ma non concesso u bla pregudizzju ghas-suespost, li dina l-Onorabbli Qorti thoss li ghandha tikkonferma s-sentenza appellate, zgur ma tistax tikkonferma l-ordni ta' tnehhija mmedjata tal-inkonvenjent mhux biss ghaliex tali ordni ma hiex skond il-ligi, izda ghaliex ukoll ma setghetx tinghata tali ordni fic-cirkostanzi u dank if ser ikun ipprovat u trattat fil-kors ta' dan l-Appell.

Ikkunsidrat,

Illi l-lanjanza ewlenija imressqa mill-appellanti hija marbuta mal-fatt illi ghalkemm kif deciz mill-Ewwel Qorti il-parti tal-bejt okkupat minnha huwa proprjeta indiviza taghha u tal-parti leza, madanakollu hija ghandha l-pussess ta' dik il-parti definita tal-bejt b'mod inkondizzjonat filwaqt illi l-parti leza ghandha l-pussess tal-parti l-ohra definit tal-bejt u kwindi meta hija ghamlet xatba biex b'hekk ghalqet l-access ghal parti tal-bejt okkupat minnha hija ma kenitx qed icahhad lill-parti leza mit-tgawdija ta' dak il-bejt ghalkemm proprejta indiviz bejniethom.

Illi sussidjarjament l-appellanti ukoll tishaq illi l-Ewwel Qorti ma setatx tordna illi l-inkonvenjent jitnehha billi l-istess ordni ma hijiex ikkontemplata fil-ligi.

Illi l-elementi tar-reat in dizamina gew magisterjalment migbura fid-definizzjoni analitika moghtija mill-Imhallef W. Harding fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza "Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et." (App. Krim. 14.10.1944, Vol.XXXII - IV, p.768) bhala:

(1) att esterni li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor;

(2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt;

(3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel '*di privato braccio*' dak li jmissu jsir per mezz ta' l-awtorita' pubblika; u

(4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi[1].

Gie ritenut illi :

"**Element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju . Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija taghha**.[2]"

Fuq kollox:

"**L-Artikolu 85 huwa intiz biex dak li jkun ma jiehux il-ligi b'idejh, u ghalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni – bhad-disposizzjonijiet fil-kamp civili dwar l-actio spolii – huwa li tipprotegi l-*istatus quo.***"

Stabbilliti kwindi dawn il-fatti probatorji u elementi gurisprudenzjali u legali li isawwru ir-reat tar-*ragion fattasi*, ma hemmx dubbju illi l-Ewwel Qorti kellha ragun meta sabet htija fl-appellanti. Dan ghaliex jirrizulta mill-provi illi l-bejt kollu sovrastanti dan il-blokk ta' appartamenti huwa in komun bejn l-okkupanti ta' din il-binja. Illi ghalkemm jidher illi il-partijiet b'mera tolleranza kull wiehed minnhom juza parti definita minn dan il-bejt, madanakollu ma jistax jinghad illi dawn ghandhom xi pussess esklussiv ta' dik il-parti hekk uzata. Tant hu hekk illi l-appellanti stess fix-xhieda taghha quddiem l-Ewwel Qorti tistqarr illi l-parti leza taghmel manutenzjoni tal-bejt darba fis-sena oltre illi jidher illi hemm xi servizzi utilitarji in komun ghaddejjin minn fuq il-bejt. Dan ifisser allura illi ghalkemm l-appellanti ghandha l-uzu ta' parti mill-bejt b'mera tolleranza ma jistax jinghad illi

[1] Il-Pulizija vs Mario Bezzina App.Krim 26/05/2004
[2] Il-Pulizija vs Eileen Said App.Krim 19/06/2002

ghandha l-pussess esklussiv u inkondizzjonat billi jidher illi l-parti leza taghmel uzu minnu ukoll u ghalhekk ma tistax tigi imcahhda unilateralment mit-tgawdija tieghu. Il-fatt illi l-parti leza bniet xi *washroom* fuq dik il-parti l-ohra tal-bejt okkupata minnha ma jaghtix il-jedd lill-appellanti tiehu il-ligi b'idejha u jekk jidhrilha illi l-parti leza ghamlet dina l-kostruzzjoni kontra l-ligi allura tista tiehu il-passi kollha necessarji skont il-ligi biex tirrimedja ghal din is-sitwazzjoni, izda certament mhux li tiehu l-ligi b'idejha kif ghamlet f'dan il-kaz. Illi kif gie deciz:

"***Il-ko-possessuri ta' oggett ghandhom - sakemm ma jigix miftiehem jew ordnat mod iehor minn awtorita' kompetenti, jew sakemm mhux ipprovdut mod iehor fil-ligi - drittijiet ta' tgawdija indaqs fuq dak l-oggett. L-istess jinghad ghall-kopropprjetarji: dawn ghandhom drittijiet indaqs fuq l-oggett u, kif jipprovdi espessament l-artikolu 491 (b) tal-Kodici Civili, ghalkemm kull wiehed mill-koproprjetarji jista' jinqeda bil-hwejjeg in komun, dan ma jistax jaghmlu "b'mod li ma jhallix lill-kopropprjetarji l-ohra jinqdew biha in komun skond il-jeddijiet taghhom[3]".***

Billi jikkonkorru l-ewwel tlett elementi kostituttivi tar-reat hekk imsejjah ta' *ragion fattasi,* ghalhekk is-sejbien ta' htija mill-Ewwel Qorti kien gustifikat.

Illi stabbilit ghalhekk ir-reita fl-appellanti jifdal biex jigi ikkunsidrat it-tieni aggravvju minnha imressaq 'il quddiem. Illi l-Qorti mal-ewwel tistqarr illi dan l-aggravvju jirrazenta l-fieragh. Dan ghaliex hija l-ligi stess fis-sub-inciz 2 ghall-artikolu 85 li taghti l-jedd lill-Qorti tassigura ruhha illi "**l-persuna li batiet l-ispoll titqiegħed għal kollox fl-istat ta' qabel ma batiet l-ispoll.**" Illi ghalhekk wara li giet stabbilit ir-reita' mill-Ewwel Qorti, hija ghaddiet bis-setgha moghtija lilha skont il-ligi sabiex tordna illi l-inkonvenjent jitnehha u cioe' ordnat lill-appellanti sabiex tnehhi il-katnazz minn max-xatba biex b'hekk tkun tista' taghti access liberu lill-parti leza ghall-bejt kollu. Fil-fatt anke l-artikolu 377(5) tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi:

---

[3] Il-Pulizija vs Georgina Gauci – App.Inf. 07/01/1998

"***Il-qorti tista', ukoll jekk tkun tat xi piena lil min jagħmel ir-reat, tordnalu t-tneħħija ta' kull disordni jew inkonvenjent li bih ikun sar ir-reat, jew, skont iċ-ċirkostanzi, li jikkonforma ruħu mal-liġi, fi żmien, biżżejjed għal dak il-għan iżda f'ebda każ iktar minn tliet xhur mid-data tas-sentenza, li jiġi stabbilit mill-qorti; u, jekk min jagħmel ir-reat jonqos li jħares xi ordni bħal dak fiż-żmien hekk stabbilit, hu jkun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, ammenda ta' mhux inqas minn erba' euro u sitta u sittin ċenteżmu (4.66) u mhux iżjed minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29) għal kull ġurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi l-imsemmi żmien***."

Imbaghad is-sub-inciz (5) rez applikabbli ghar-reat ta' raggion fattasi ikompli jaghti din il-garanzija meta jinghad illi "***il-qorti għandha, fuq rikors f'dak is-sens mill-Pulizija f'kull żmien wara li persuna tkun instabet ħatja ta' reat f'każ ta' raġuni li tinħoloq wara jew, f'kull każ ieħor, wara li jgħaddi ż- żmien mogħti mill-qorti skont is-subartikolu (3) jew (4), tawtorizza lill-Pulizija biex tneħħi kull disordni jew inkonvenjent li għalih ikun jirriferixxi r-reat għas-spejjeż tal-ħati, f'liema każ il-ħati jista' jiġi mġiegħel iħallas l-ispiża b'mandat maħruġ mill-istess qorti.***"

Illi fis-sentenza ta' din il-qorti, kif diversament ippresjeduta  tad-9 ta' April, 1996 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Salvu Farrugia gie deciz illi l-kliem "disordni jew inkonvenjent" f'din id-disposizzjoni, bhall-kelma "inkonvenjent" fl-Artikolu 321(1) tal-Kap. 10, jinkludu l-istat ta' fatt li jaghti lok ghar-reat, cioe` dak l-istat ta' illegalita` li b'xi mod ikun jirrikjedi l-intervent gudizzjarju biex jigi fit-tmiem. Ma hemmx dubbju illi l-intervent ta'l-Ewwel Qorti ghalhekk kien wiehed skont il-ligi u konsegwenzjali ghad-decizjoni taghha ta' sejbien ta' htija.

Premessi ghalhekk dawn id-disposizzjonijiet ta' dritt fir-rigward, din il-Qorti tqies illi dan l-aggravvju huwa ghal kollox infondat u qed jigi michud ukoll.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u id-decizjoni appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur